# D W I E M

*Ta'* Erin Serracino-Inglott

DLAM. Dlam li jwaħħax, kullimkien. Hajt samm ta' swied li jagħmi!

Leħen ta' tromba, qawwi, twil, irqiq.

Ieħor aqwa, itwal, eqreb.

U ieħor u ieħor u ieħor...... U oħrajn, wara xulxin, ġo xulxin...... Għaxra, mija, elf, eluf......

Trombi, trombi, trombi......

Diwi ta' għajat imbiegħed, idamdam, iriegħed...... Riesaq u joktor, riesaq u joktor, riesaq u joktor......

Dlam, trombi u għajat f'mewġa waħda qawwija qalila li tkexkex, li tbażża': mewġa waħda miġbura minn għaxriet, mijiet, eluf ta' ħalel kbar jitgerbu, jingħalbu, jinsebqu... resqin u joktru, resqin u joktru, resqin u joktru.

U trombi, trombi, trombi......

Fil-hajt samm ta' swied li jagħmi, xaqq irqiq u twil, xafra ta' dawl imgħajjeb, imgħabbex, dagħmieni, sewdieni, ġahrieni, ħamrani, safrani, bajdani...... li jgħammex, li jisreġ, li jagħmi...

Dawl. Dawl li jwennes, kullimkien. Hajt samm ta' bjuda li tagħmi!

Dawl, dawl, dawl...... u għajat u trombi......

Tqanqila ta' żiffa melliesa ħafifa li toktor issaffar u tiġri... li tfewweġ u tvenven, titqawwa, titqal u tiqliel... tinbidel f'riħ jonfoħ li jokrob u jwerżaq... jitħawwad mal-leħen tat-trombi... Riefnu li jiġri, li jiġri, li jiġri, li jtarrax, għaddej bla ma jaqta'...

Fost l-ilħna tat-trombi u l-għajat, imkaxkrin, imtajrin, imlebbtin, misjuqin, ma' kull mewġa tar-riħ, u bħal beraq ileħħu fid-dawl, igħibu u jfiġġu, igħibu u jfiġġu, igħibu u jfiġġu, kotrana, kotrana, kotrana, ġejjin bla ma jaqtgħu, jinqalbu, jitmewġu, immexxija minn rieda li tamar igargru... bla nifs, bla waqfien, qtajja', qtajja' ta' nies......

Nies......

Għaxriet, mijiet, eluf, eluf ta' l-eluf......

Nies......

Qatet, ġemgħat, tajfiet, għaqdiet, xirkiet......

Nies......

Xjuħ u żgħażagħ, tfal u trabi, irġiel u nisa.....

Nies......

Fqar u għonja, qaddejja u mexxejja, rsiera u slaten, maħkuma u ħakkiema......

Nies......

Miġbura, mifruda, mibluha, mikduda, minfuha, misbuka, ħelsin, imxekklin, feħħanin, għajjenin......

Nies nies nies!...... Ta' kull sura u kull għamla, kull ġens kull qabil... Ta' kull xorta, kull qagħda, kull ġidd u kull lewn... Ta' kull din u twemmin...

Haddieda, kittieba, qaddiefa, nissieġa, naġġara, ħassiela u bdiewa u tobba u għorrief, qassisin, ħajjatin, baħħarin, għaddejjin, għaddejjin, għaddejjin, għaddejjin, għaddejjin......

Dawl qawwi li dejjem jiżdied ta' xmux u ta' oqmra u ta' kwiekeb fis-sema fil-baħar u fl-art imwaħħdin...... mill-ġdid imwaħħdin bħal fil-bidu ta' kollox......

Jingħaqad id-diwi tat-trombi f'ħoss wieħed bla hedu fil-bgħid u fil-qrib, max-xellug, mal-lemin, minn fuq u minn taħt, minn quddiem u minn wara... Leħen wieħed... leħen wieħed... leħen wieħed!

Jingħaqad l-għajat u jitwaħħad f'kull xorta ta' lfiq u ta' biki ta' krib u twerżiq, ta' daħk mingħajr jies... Hoss wieħed imħallat li għandu minn kollha, li m'hu l-ebda wieħed, imkarkar maħtuf jew miksur... Leħen wieħed... leħen wieħed... leħen wieħed!

Raddiena ta' rjus qed imewġu, tixjir ta' l-idejn imgħollija, ma' xulxin, ħdejn xulxin, fuq xulxin, taħt xulxin; weqfin u mqanqlin bħal baħar imqalleb bla ħniena bla serħ u bla sliema, raddiena raddiena raddiena......

Twaħħida ta' kollox!
Hoss wieħed, dawl wieħed, għan wieħed.
U waqfa ta' f'daqqa ta' kollox f'waqt wieħed.
Leħen wieħed minn ħsieb wieħed ta' ġens wieħed.
Amar wieħed fuq ħolqien wieħed għal ħaqq wieħed.
Grajja waħda, ta' l-aħħar, għal dejjem, fuq kollox.
Waqfa ta' f'daqqa ta' kollox għal waqt wieħed.
U LEĦEN .....

Leħen li jamar, leħen ta' qies u ta' ħaqq, ta' missier u ta' mħallef......

Leħen li jċanfar u jfaħħar, li jwaħħax u jwennes, li jbekket u jiġżi, li jtarraf il-ġrajja tal-bniedem mill-bidu sat-tmiem.

Lehen hanin u qalil, lehen gholi jew kiebi jew sieber jew d'ewi kif jixraq, kif xeraq, mill-bidu sat-tmiem.

Lehen li jwahhad il-grajja tal-bniedem mill-bidu sat-tmiem, grajja wahda, ghamil wiehed, haqq wiehed.....

U l-LEHEN itemm......

Titqanqal mill-ġdid dik il-mewġa ta' rjus u ta' idejn......

U kollha jinfirdu f'żewġ sriebet, mifruqa, magħżula għal dejjem... Fid-dawl jew fid-dlam, f'lemin jew f'xellug, min f'telgha min f'niżla; min f'għanja ta' sliem u ta' hena li titla' li titla' li titla'...... min f'karba ta' ħarb u ta' dagħa li tinżel li tinżel li tinżel......

U mill-ġdid daqq ta' trombi u għajat......

U mill-ġdid dak ir-riefnu li jtajjar u jkaxkar li jbattal u jgorr......

Il-firda ta' l-aħħar dejjiema......

Il-għaqda ta' l-aħħar dejjiema......

U t-trombi u l-għajat jitbiegħdu u jonqsu, jitbiegħdu u jonqsu, jitbiegħdu u jonqsu... jitgħakksu... jintemmu... jintilfu fixxejn!

U kollox mill-ġdid jisfa' sielem......

Għal dejjem għal dejjem għal dejjem......

18-1-43.